# Saċerdoti fiż-Żejtun li Niftakar

*Kitba ta' Mons Dun Joe Carabott*

Qaluli biex nikteb xi tifkiriet ta' saċerdoti li llum m'għadhomx magħna, imma li niftakarhom tajjeb fiż-Żejtun fi tfuliti, żgħożiti u hekk kif ġejt ordnat saċerdot fl-1962.

Ħabat tajjeb li qegħdin fis-sena tas-Saċerdoti - wasalna fit-tmiem tagħha – u b'hekk nerġgħu nġibu ħajjin karattri differenti, imma lkoll maħbubin, żelanti u ħabrieka u li taw kontribut kbir fil-ħidma pastorali fil-Parroċċa taż-Żejtun.



**1951 - L-Arċipriet Brincat flimkien ma' 14-il seminarista miż-Żejtun mistiedna tat-tabib A. Cachia Żammit**

M'iniex se nikteb bijografiji, imma tifkiriet u allura m'għandix lista tagħhom...insemmihom kif niftakarhom.

Bla dubju jkolli nibda bi tnejn li kont viċin tagħhom: Dun Manwel Camilleri u Dun Salv Grima! Għaliex bdejt bihom? Għax ma' Dun Manwel trabbejt fid-Domus u ma' Dun Salv trabbejt fil-knisja tal-Ispirtu s-Santu. Dun Manwel kien saċerdot sempliċi, jagħti servizz regolari fil-knisja arċipretali, fid-Domus u fl-Istitut Gesù Nazzarenu – il-laqam tal-familja tant kien joqgħodlu: "tal-Bonitu"! Niftakru kull nhar ta' Ħadd iservi ta' djaknu fil-quddiesa kantata fil-knisja arċipretali flimkien ma' Dun Salv Grima li kien iservi ta' suddjaknu.

Għall-quddiesa kantata tal-Ħadd kien ikun hemm l-Arċipriet Dun Manwel Brincat li kien jieħu ħsieb il-grupp tal-abbatini, grupp numeruż, dixxiplinat, attiv... li minnu ħarġu ħafna vokazzjonijiet saċerdotali. Saħansitra fix-xhur tal-vaganzi kien ilaqqagħna, seminaristi u abbatini kbar, fl-Oratorju għal nofs siegħa meditazzjoni kuljum u regolarment kien jgħallimna l-kant gregorjan.



Mad-dħul fis-Seminarju Maġġuri, Maestro Patri Albert Borg, kien ikun irid jikklassifikana għall-Kor tas-Seminarju u allura jittestjalna l-vuċi billi jġegħelna nkantaw xi ħaġa. Normalment min kien ikanta l-'adoremus' u min l-'Ave Maria'! "X'se tkanta?" staqsieni, u weġibtu "Nos Autem" l-introjtu ta' Ħamis ix-Xirka! Staqsieni fejn tgħallimt u kburi weġibtu: "iż-Żejtun, il-quddiesa kantata nagħmluha gregorjana!" Jakkumpanjana fuq l-orgni kellna lil Dun Pantaleone Orland sa ma mar Ħal Kirkop, M'Xlokk u reġa' lura arċipriet iż-Żejtun!... qassis żelanti u jħobb lil raħal twelidu immensament!



**1955 - Il-Kanonku Ġ. De Domenico jiċċelebra 60 Sena Saċerdozju ma' saċerdoti Żwieten fid- Domus**

Qed insemmi l-kant u allura ma nistax ma nsemmix lil Dun Ġwann Farrugia (Ta' Ġelandrin) li kien ukoll jaf ikanta tajjeb, karattru ċajtier u ferrieħi, li kellu ħabta malli joħroġ l-arċipriet mill-kor, jitfa' battuta li jġegħelna nitbissmu!

Qed niftakar praspura! Dun Ġwann kellu f'idejh il-knisja tal-Madonna tad-Dawl, fil-limiti ta' Wied il-Għajn; il-festa kienet issir f'Settembru: ftit qassisin, xi abbatini kbar,jiċċelebraw quddiesa kantata u wara

platt għaġin ma' tazza inbid, jew luminata!... kulħadd ifaħħar il-platt! "kif taħseb għal kollox, Dun Ġwann!" – "Ħallini! Insejt il-ħakkieka tal-ġobon!" "imma tfajt ġobon fuq l-ispagetti!" – "imma għax użajt il-grada tal-konfessjonarju!" Ħadd ma seta' jiekol, mhux tant b'li qal li għamel (naħseb li kienet ċajta) daqskemm bid-daħk! La qed insemmi l-orgni u l-kant, ma nħallix barra lil Dun Ġwann DeDomenico, kanonku tal-Isla, organista, b'vuċi soda u sabiħa, ammiratur kbir ta' Carlo Diacono! Niftakru saċerdot anzjan ħafna, maħbub, li baqa' msemmi għall-karità li kien jagħmel; mhux għalxejn li t-triq fejn kien joqgħod semmewha għalih!



*1959 - Il-membri tal-Azzjoni waqt ħarġa lejn ir-Rabat*

U nsemmi kanonku ieħor: Dun Ġwann Vella li kien għamel żmien Viċi Parroku ż-Żejtun, imbagħad Primiċerju ta' Bormla, u nistgħu ngħidu li beda l-komunità madwar il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Dun Ġwann kien joqgħod ħdejn id-Domus u kien iżomm paċenzja kbira kull meta (kważi kuljum!) il-ballun jaqbeż il-ħajt tal-bitħa u jiġi fil-ġnien tiegħu.. nibdew ngħajtu u ftit ħin wara jitfgħalna lura l-ballun u nagħtuh ċapċipa! Kien iħobb, wara li jiekol filgħaxija, jiġi jpejjep sigarett fuq it-taraġ tal-bitħa, imdawwar minn ċorma tfal ta' kull età, jirrakkonta! Din niftakarha! In-nies kienet tħobbu ħafna, u dari mal-ħass ħażin, tibgħat għall-qassis. Niftakru jirrakkonta kif darba mar tifel iħabbatlu l-bieb bis-saħħa – xħin Dun Ġwann fetaħ, it-tifel kien pront qallu: "ejja Dun Ġwann! Għax in-nanna trid lilek!" Dun Ġwann wieġbu: "għadha kemm romlot nanntek, u diġa bagħtet toħtob?!" (ċajta!) Konna nħobbuh u nistennewh jgħidilna ċ-ċajt!

Wara Dun Ġwann, ġie bħala Viċi Parroku saċerdot minn Għawdex: Dun Ġużepp Zerafa. Niftakarni nimpressjona ruħi kemm kien attiv: iqarben qabel u wara l-quddies, iqarben lill-morda u jwassal il-Vjatku lill-moribondi, ħafna drabi akkumpanjat bi tfal b'fanali f'idejhom bix-xemgħa tixgħel, imexxi l-funerali kollha... preżenti fil-knisja għal kull ma jinqala'.

Meta Dun Manwel għalaq 25 sena saċerdot, id-Domus għamilnielu festa. Jiena kelli nieħu ħsieb li tul il-korteo mid-dar tal-Bonito sad-Domus ikun hemm tfal tad-Domus imqassmin fil-galleriji biex jitfgħu l-karti. Jiena qgħadt fil-gallerija ta' quddiem id-dar tiegħu u tfajtlu ċfuf żgħar ta' karti kkuluriti! Kelli nkun jien li meta ħassu ħażin id-Domus, ħadtlu d-dar il-kullar u ż-żarbun u sibtu mejjet! Kemm kien saċerdot twajjeb!

Warajh sar direttur tad-Domus Dun Ġużepp Desira, li kien ukoll kappillan tal-Isqof Galea u jgħin fl-Istitut Ġesù Nazzarenu – aktar tard sar ukoll prokuratur tal-knisja arċipretali. Kellu stil differenti; jagħti impressjoni li jħalli kollox għaddej, imma kien ikun jaf kollox dwar kulħadd. Il-pariri tiegħu qosra f'żewġ kelmiet, imma preċiżi. Qabel dħalt is-seminarju, regolarment kont immur miegħu d-dar biex jiekol ħalli ma jkunx waħdu u jiena nkompli miegħu bil-gazzetta f'idejja! Insemmi wkoll lil Dun Alwiġ Zammit, popolarissimu maż-żgħażagħ, *driver* first class, b'riġlu fuq il-gass, jifraħ u jferraħ... u lil Dun Salv Mifsud, qassis twajjeb, jaqdi fil-knisja f'kulma kien ikun hemm bżonn!



***1951 – Dun Manwel Camilleri jiċċelebra fid-Domus il-25 Sena bħala saċerdot imdawwar mill-membri u t-tfal***

Insemmi wkoll lil Dun Salv Galea, ordnat fl-istess sena 1952 – ma kienx midħla tad-Domus, imma rawwem bejta fis-Sqaq tal-Bonitu. Ħa ħsiebha tul ħajtu bħala saċerdot fejn trawmu insara konvinti, eżemplari u attivi; it-tfal li eduka, kibru u kellu s-sodisfazzjon jarahom xi wħud saċerdoti, professuri, missirijiet ta' familji tajbin, edukaturi mill-aħjar!

Irrid insemmi tnejn oħra: Dun Salv Mallia li l-Arċisqof Gonzi bagħtu l-Kalkara; dan

iċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu fil-knisja l-ġdida li kienet għadha kemm inbniet wara li ġġarfet bil-gwerra .. u lil Dun Karm Galea: dan qaddes sena qabilhom! Bħala ġuvnott ta' 13-15-il sena kont midħla tiegħu u niftakar kemm in-nies daru miegħu u għenuh b'qalb miftuħa! Kien mar joqgħod f'dar ta' qassis Dun Amabile – dwar dan ma niftakar xejn ħlief li meta daħħluh katavru fil-knisja, wieħed mir-reffiegħa tfixkel u nqaleb b'kollox... jiena dħalt niġri mwerwer fil-kor!

Mid-Domus ngħaddi għall-knisja tal-Ispirtu s-Santu! Niftakar lil Dun Nazzarenu Curmi: saċerdot serju, devot kbir ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, dixxiplinat u jkanta tajjeb ħafna l-Gregorjan. Oħtu kienet il-Fundatriċi tal-Istitut Ġesù Nazzarenu. Niftakarni tifel immur għal xi qadja miegħu sad-dar fi Triq Sant' Anġlu u nifraħ b'dik ix-xi ħaġa li jagħtini f'idejja! F'din il-knisja kien jaqdi wkoll il-Penitenzier Dun Franġisk, ħu l-Isqof Galea. Kien saċerdot dedikat għall-konfessinarju: issibu l-ħin kollu lest jisma' l-qrar. Naf tajjeb li ġieli kien ikun ħareġ mill-knisja u sejjer lejn id-dar u xi ħadd jitolbu biex iqerr; arah imur lura l-knisja biex iqarru!

Mal-knisja tal-Ispirtu s-Santu ntrabat l-isem ta' Dun Salv Grima! Kien hu li beda l-Adorazzjoni Perpetwa fl-1942. Għamel minn din il-knisja Oasi ta' Talb, b'numru ta' nies impenjati li regolarment f'ħin stabbilit, jagħmlu Nofs Siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat Espost – fosthom kien hemm l-Isqof Galea, kull nhar ta' Ġimgħa bejn it-3.00 u t-3.30 p.m.

Jiena kont abbati fil-knisja tal-Ispirtu s-Santu ma' tnejn oħra, Emanuel Camilleri u Francis Desira. Malli kien jidħol Dun Salv, kien jinżel għarkupptejh u jitlob, jitlob, jitlob... u aħna ssummati! Fil-Milied kien jagħtina xi rigali għal-logħob (dak iż-żmien kienu rari) xi karozza, ajruplan, trakk... fosthom kwadru tas-Sagra Familja ... u jien għażilt lilu! Niftakru jikkummenta: "dak se tagħżel?" u jpoġġi jdejh fuq rasi u jgħid: "eeħħ dan sinjal!" Nammetti li dan l-inċident ma nsejtu qatt u jiġi f'moħħi ta' spiss u nġedded l-ammirazzjoni u l-imħabba li kelli lejh.

Oħra kurjuża! Kien professor tal-filosofija fl-Università. Nhar il-festa ta' Santa Katarina li kienet fil-25 ta' Novembru, ukoll jekk fost il-ġimgħa, kien qiegħed fil-kor għall-quddiesa kantata. Kont għadni abbati!.. sejjaħli u b'sorpriża għalija staqsieni: "taħseb li għandi mmur għal-*lecture* illum?" donni ħassejt li għandi nagħtih parir!!... "Illum? Fil-festa?" U ħa l-parir tiegħi!! Ma marx! X'umiltà!!

Nhar ta' Ħadd kien iqaddes tas-7.00 (jew tat-8.00?). L-omelija ma kinitx obbligatorja, imma hu kien jispjega l-Evanġelju kull nhar ta' Ħadd u ħafna kienu jmorru għall-quddiesa tiegħu biex jisimgħuh!

Fl-ewwel Quddiesa Solenni tiegħi, għamilli Parrinu flimkien ma' Dun Joe Abela; żewġ saċerdoti li kellhom influwenza kbira fuqi!

Ruħu tinsab il-ġenna u l-fdalijiet tiegħu fid-Dar tal-Kleru ġo Fleur-de-Lys, opra oħra kbira li wettaq.

Irrid nagħlaq billi nsemmi żewġ saċerdoti oħra Żwieten li taw kontribut kbir: Dun Mikiel Spiteri u Dun Ġwann Palmier. Ġew ordnati saċerdoti flimkien. Dun Mikiel sar kappillan f'Ħal Kirkop u wara ntbagħat kappillan Birżebbuġa u xi sentejn wara sar arċipriet iż-Żejtun! Ħalla opra bil-binja fil-ġenb tal-knisja li sservi għal-laqgħat, għall-irfigħ, għall-Mużew Parrokkjali!... Kien ikabbarhom! Darba, kellu jqaddes u b'aljenazzjoni tefa' ostja mhix ikkonsagrata f'ħalqu!... u b'hekk kiser is-sawma!! "issa x'se nagħmel?" "Min se jqaddes minfloki?!" Ħareġ iqaddes bi skruplu!!

Dun Ġwann Palmier, prokuratur tal-knisja, moħħu u qalbu kienu hemm!... anki l-passatempi tiegħu: joħroġ siġġu fil-bieb ta' wara, sa ma jsir il-ħin! Ħadem ħafna u għamel opri fil-knisja biex iżejjinha, predikatur tajjeb (kellu l-fama li jdum) assistieni fl-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi u ddisinjali l-Pjaneta tar-rakkmu... u allura għandi l-kuruna u l-palma fid-disinn, għax tassew kien devot kbir ta' Santa Katarina!

Ikolli nammetti li dawn kienu l-'heroes' tiegħi, u ma jiddispjaċinix. Urewni triq, tawni eżempji, għenuni biex ngħix kuntent u sodisfatt... nistħajjel u nemmen li għadhom jitolbu għalija fis-sema.



***1962 - Il-parrini jaħslu idejn is-saċerdot Novell***